**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Awwissu, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 79/2023 AF**

Fl-Atti tar-rikors mahluf bin-numru 278/2021 AF u wara l-mandat ta' sekwestru bin-numru 482/2021 fl-ismijiet:

**Peter Paul Grima u Francine Debono**

**vs**

**Philippa *sive* Lynn Zahra u Chase Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Philippa *sive* Lynn Zahra u Chase Zammit, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghhom minn Peter Paul Grima u Francine Debono.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Peter Paul Grima u Francine Debono li opponew ghat-talba.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Philippa Zahra u Chase Zammit qed jitolbu lill-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom minn Peter Paul Grima u Francine Debono sabiex dawn tal-ahhar iqeghdu fis-sod pretensjoni li huma ghandhom ghas-sehem rizervat li jmisshom mill-eredità ta' Joseph Grima, missierhom. Philippa Zahra u Chase Zammit huma l-eredi universali ta' Joseph Grima. L-ammont kawtelat bil-mandat huwa ta' €1,300,000.

Il-Qorti tqis doveruz f'dan l-istadju li tissenjala uhud mill-principji regolatorji meqjusa mill-gurisprudenza fil-kuntest ta' talbiet ta' din ix-xorta.

Fi proceduri li jinbdew fl-ambitu ta' mandati kawtelatorji l-ezami li taghmel il-Qorti huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn bl-iskrutinju profond jibqa' mholli ghall-Qorti meta tkun qed tqis il-kawza fil-mertu. Il-Qorti tirreferi f'dan is-sens ghal Stanley vs Galea (29 ta' Lulju 2005) u Camilleri vs Govè (10 ta' Mejju 2001).

Il-Qorti, fi proceduri dwar mandati kawtelatorji, m'ghandhiex iccahhad facilment il-jedd ta' kreditur li jikkawtela l-kreditu pretiz minnu b'kull mezz li tipprovdilu l-ligi (Mercieca vs Galea

– 29 ta’ Novembru 2011). Mill-banda l-ohra, kreditur huwa obbligat li jikkontrolla l-effetti ta’ mandat mahrug fuq talba tieghu b’dana illi mandat m’ghandux jispicca arma ta’ estorsjoni f’idejn kreditur (Sammut vs Sammut – 20 ta’ Ottubru 2005).

Ir-rikorrenti odjerni qeghdin isejjsu t-talba taghhom ghat-thassir tal-mandat fuq dak li jipprovdi l-Art. 836(1)(c), (d), (e) u (f). Dawn jipprovdu ghat-thassir ta’ mandat kawtelatorju meta:

> *“(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta’ att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista’ għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.”*

Il-Qorti tibda billi tinnota illi l-mandat *de quo* intalab u nhareg sabex jigi kawtelat kreditu ta’ €1,300,000, sehem rizervat li qieghed jigi reklamat minn Pierre Grima u Francine Debono. Issa s-sehem rizervat ma jistax jaqbez terz tal-valur tal-eredità shiha. Ma ngabet lil din il-Qorti ebda hjiel ta’ prova, lanqas *prima facie*, li l-eredità tizboq l-4 miljuni. Il-proprjetà immobbli giet stmata minn zewg periti (wiehed tad-Dipartiment tat-Taxxi) li tiswa’ bejn tlett mitt elf Ewro u erba’ mija u erbghin elf Ewro. Kontanti, wkoll bil-krediti li qed jigu reklamati, jidher li hemm xi mitejn u tletin elf Ewro. Milli jidher mad-daqqa t’ghajn, ic-cifra ta’ sehem rizervat ta’ €1,300,000 hija boghod mir-realtà. Madanakollu, hemm x’hemm, kollox jinsab kopert

bil-mandat ta' inibizzjoni, li jkopri l-eredità kollha ta' Joseph Grima.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma illi jezistu c-cirkostanzi kollha li jipprovdu ghalihom is-subincizi invokati. Il-kredituri huma ben kawtelati bil-garanzija tal-mandat ta' inibizzjoni, u ghalhekk il-Qorti ma tqisx ragonevoli li l-mandat jibqa' fis-sehh.

Ir-rikorrenti odjerni qeghdin ukoll jitolbu lill-Qorti timponi penali a tenur tal-Art. 836(8) tal-Kap. 12, li jsemmi erba' cirkostanzi fejn il-Qorti tista' timponi penali. Huma cirkostanzi tassattivi (ara Mifsud vs Bitconvert Limited (29 ta' Settembru 2020, u Lehner vs Pace (11 ta' Awwissu 2009). Fil-kaz in ezami il-Qorti ma tqisx li tressqu lilha ragunijiet validi li jwassluha tezercita d-diskrezzjoni taghha u timponi penali.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Philippa sive Lynn Zahra u Chase Zammit u thassar ghal kollox il-mandat ta' sekwestru 482/2021.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF